**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA**

**minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (44)



L-Ekwipagg Senglean rebbieh tal-palju fl-1938

Protagonist ieħor Senglean li wara l-gwerra kien ta sehmu biex l-Isla tkun armata u ppreparata tajjeb għar-Regatta Nazzjonali kien Karmenu Abela (it-Takkatur).

Karmenu kien persuna kolta ħafna b'karriera mill-aqwa fi-Ċivil. Kien bniedem sportiv ħafna, l-aktar fil-football, fil-waterpolo, fil-billiards u s'intendi fir-Regatta Nazzjonali – b'mod speċjali s-sehem tiegħu fl-organizzazzjoni tad-distrett Senglean wara l-gwerra. Lil Karmenu kont nafu tajjeb - kont nammirah ħafna kemm bħala skular kif ukoll bħala sportiv, u minkejja d-differenza taletá ta' bejnietna, kont nieħu pjaċir ħafna nitkellem miegħu fuq diversi suġġetti soċjo/kulturali li kien intiż ħafna fihom.

Meta fis-snin 70 bdejt nirriċerka dwar id-drawwa tal-qdif fil-Portijiet Maltin kliemna dejjem kien jaqa' fuq ir-Regatta Nazzjonali, u għaddieli ħafna tagħrif siewi dwar it-tiġrijiet tad-dgħajjes bejn iż-żewġ gwerer dinjija.

*Darba staqsejtu x'kien ifisser għalih iż-żmien ta' stennija tal-aħħar provi u wara r-Regatta.*

"Kien żmien sabiħ ħafna għal żewġ raġunijiet – l-ewwel waħda għax il-familji kollha li joqogħdu fuq ix-xaqliba tal-Ponta (madwar u fil-viċinanza tal-knisja ta' San Filippu) huma kollha dilettanti tar-Regatta, u għalhekk fiż-żmien il-provi ħafna mill-irġiel konna niltaqgħu l-Gardjola ... ġieli konna 30 jew 40 dilettant, u ħallina nargumentaw bejnietna liema kienet l-aħjar dgħajsa fil-kanal. Niftakar li ħafna minna konna nieħdu l-ħinijiet ta' kull dgħajsa li tieħu t-triq, iżda ħaġa ta' l-għaġeb ħadd ma kien jaqbel, min sekonda inqas u min żewġ sekondi aktar ... issa tinsiex li żewġ sekondi fid-dgħajjes tal-midalji kienu ħafna.

"Jien niftakar tajjeb is-snin 30 meta l-Isla kienet armata tajjeb f'ta' bl-Erbgħa u rebħet l-aħħar żewġ edizzjonijiet. Qabilhom kien hemm Bormla li minn dejjem kellhom dgħajjes armati tajjeb, u anke l-Birgu li għamlu żmien jirbħu dan il-palju.

"Kien żmien meta l-korsa ta' bl-Erbgħa kienet l-aktar korsa popolari, mhux għax qabel ma kinitx, iżda qishom id-dilettanti ta' tfuliti aktar kienu jqisu l-korsa ta' bi Tnejn bħala l-aktar waħda akkanita, forsi minħabba l-fatt li Bormla kellhom koppja formidabbli u kulħadd kien jarma biex jirbħilhom.

"Lix-xjuħ tagħna nismagħhom jgħidu li l-korsa tal-Ferilli kienet l-iżjed korsa akkanita - forsi bir-raġun, għax kif jingħad, aħna u Marsamxett konna qisna kelb u qattus fiha, u kien jinqala' ħafna ġlied fost il-partitarji taż-żewġ distretti.

"Jien niftakar lill-Isla u lil Marsamxett iġerru waħedhom! Fil-fehma ta' ħafna dilettanti, l-introduzzjoni ta' żewġ tiġrjiet tal-ferilli kien żball kbir min-naħa tal-organizzaturi - aħjar iddeċidew li jwaqqfu din it-tiġrija għal xi snin sakemm iż-żewġ distretti kienu jaslu f'xi kompromess bejniethom.

"Bl-introduzzjoni ta' żewġ korsi, ir-Regatta Nażżjonali mhux biss tilfet l-isbaħ u l-ixjeħ tiġrija li kellha fl-istorja tagħha, iżda sfaxxaw Marsamxett u fil-partitarji Sengleani nibtet ċerta apatija għal dawn it-tiġrjiet. Fil-fatt, kellhom jgħaddu s-snin sakemm l-Isla daqet l-ewwel suċċess tagħha fl-opri l-kbar – u dan proprju kien fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa."

*Liema korsa l-aktar kienet għal qalbek Karm?*

"Mistoqsija diffiċli ħafna għax kull min iħobb ir-Regatta jieħu pjaċir jara t-tiġrijiet kollha, iżda tal-Midalji minn dejjem kienet togħġobni ħafna. Kemm Bormla, kif ukoll il-Birgu u l-Isla kienu armati tajjeb fiha. Marsamxett kienu tajbin iżda mhux daqs il-bliet tal-Kottonera.

"Aħna wara l-gwerra konna ħafna aħjar, u ddominajna din il-korsa għal seba' snin konsekuttivi bid-dgħajsa 'Porto Salvo' li kien bena l-Guli qabel il-gwerra ... tlifna t-tmien rebħa minħabba inċident mal-Kalkara waqt l-andament tat-tiġrija – dak in-nhar kienu rebħuha l-Birgu.

"Imma l-istorja ta' qabel il-gwerra kienet differenti – aħna konna tajbin, iżda mhux daqs Bormla u l-Birgu. Fl-aħħar snin ta' qabel il-gwerra l-Isla armat ekwipaġġ tajjeb ħafna f'ta' bl-Erbgħa u konna rbaħna l-palju fl-1937/38, iżda sfortunatamet fl-1939 - ftit jiem qabel ir-Regatta faqqgħet il-gwerra u t-tiġrija ma saritx."

*Ma taħsibx li meta wieħed jgħid li l-Isla kienet tiddomina dawn it-tiġrijiet fis-snin 50 u 60 hi esaġerata, meta wieħed iqis li d-distretti ta' Bormla u Marsamxett ma kinux jipparteċipaw fir-Regatta … x'taħseb?*

"Min jgħid hekk ikun żbaljat ħafna … veru lil Bormla ma kinitx tieħu sehem, iżda Marsamxett fil-bidu tas-snin 50 ħadet sehem, imma mhux fil-kategoriji kollha … kemm kien b'saħħtu d-distrett tal-Isla biżżejjed tifli sewwa l-lista twila tal-paljijiet li ntrebħu mill-qaddiefa Sengleani bejn l-1951 u l-1966 - dawn il-paljijiet isaħħu dak li qed insostni jien.

"Biżżejjed ngħidlek, li mill-1955 sal-1966 l-Isla rebħet seba' darbiet l-Aggregate Shield u l-Aggregate Cup – tazza tal-fidda li llum tinsab fl-Athletic Club.

"Taf xejn li d-dilettanti Sengleani kienu minn tal-ewwel li talbu lill-Kollettur tad-Dwana biex jerġa' jintroduċi mill-ġdid ir-Regatta Nazzjonali għaliex din it-tradizzjoni barra li kienet parti integrali mal-festa tal-Vitorja, kienet ukoll l-isbaħ u l-aqwa avveniment sportiv fil-kalendarju annwali tal-Jum Nazzjonali tagħna tat-8 ta' Settembru

"Daqshekk hi kbira r-rabta storika tar-Regatta mal-festa tal-Bambina. Għalhekk is-Sengleani jagħmlu ħafna għaliha għax hi parti mill-festa tagħna, u minkejja ż-żmien ħażin li għaddejjin minnu bħalissa - nuqqas tal-paljijiet u suċċessi fiha, xorta waħda, sena wara l-oħra, aħna narmaw tajjeb għaliha forsi fl-aħħar jirnexxielna nerġgħu nirbħu x-Shield."

*Ħafna dilettanti huma tal-idea li biex l-Isla tirbaħ ix-Shield wasal iż-żmien li tibda tirreġistra qaddiefa barranin bħalma jagħmlu distretti oħra … int taqbel magħhom?*

"Le ma naqbilx ... għax aħna għandna ħafna tfal, li bi ftit esperjenza fil-qdif fil-kanal kapaċi jisfidaw lill-qaddiefa ta' distretti oħra … jien għandi fiduċja kbira fit-tfal tal-Ponta. Aħna dejjem ġerrejna bi tfal mill-Isla, u meta spiċċaw il-barklori komplew uliedhom … nittama li meta jirtiraw uliedhom ikollna tfal oħra li jinżlu fid-dgħajjes tagħna u jirbħu x-Shield … bejn tifel mill-Isla li jkollu ħajra għal qdif iżda bla esperjenza u qaddief barrani, jien nagħti ċans lil tagħna, ngħallmu, inħarrġu tajjeb u nagħtih ċans.

"Wenzu Zarb (il-Bożin) għallem ħafna tfal u llum kollha qaddiefa tajba u rebħu l-paljijiet. Forsi int tasal biex tgħidli li Wenzu kien uniku, iżda ibqa' ċert li l-Ponta għandna barklori li lesti li jħarrġu liż-żgħażagħ tagħna."

***********

Personaġġ ieħor Marsi li ħadem u stinka kemm felaħ biex il-lokal tiegħu (Marsa) ikun armat tajjeb f'kull opra tar-Regatta u jaqsam l-unuri mal-clubs tal-Kottonera hu Victor Dingli – illum anzjan, magħruf fost sħabu bħala tal-Maktur.

Lil Victor ilni nafu min-nofs is-snin 70 – ġentlom, imżejjen b'karattru dħuli u ċajtier. Minbarra li għal bosta snin kien qaddief regolari fil-Frejgatini u l-Kajjikki tal-Marsa, għal xi żmien qeda wkoll il-kariga ta' kaxxier tal-kumitat Marsi.

Kien jgħidli, li r-Regatta jħobbha tant li jqisha bħala l-aqwa sport tiegħu, u li jibda jaħseb fiha mill-għada tar-Regatta. Il-ħasra hi, li minkejja li aħna ilna nafu lil xulxin is-snin u bqajt insegwih bħala qaddief Marsi, u fraħt ħafna kull darba li rnexxielu jirbaħ il-palju tal-Frejgatini, qatt ma rnexxieli nagħmillu intervista - mhux lilu biss iżda lil ħafna oħrajn. Darba konna d-dwana u staqsejtu kemm kien ilu jaqdef mal-Marsa. Ħares lejja u lissen bi tbissima ċkejkna :

"Ma tafx li jien ilni naqdef mal-Marsa mill-1966 u kelli x-xorti li nirbaħ wieħed mill-paljijiet fil-Frejgatini u l-Kajjikki. Kif taf, jien inħobb ħafna dawn it-tiġrijiet u ħdimt ħafna biex il-Marsa tikseb suċċess fihom. Minn wara l-gwerra, il-Marsa dejjem ħadet sehem fir-Regatta u rebħet bosta paljijiet kif ukoll ix-Shield fl-1967, iżda l-aqwa tagħna kien f'nofs is-snin 70, meta aħna ddominajna kull tiġrija tar-Regatta u rbaħna x-Shield tliet darbiet infila bl-aqwa ekwipaġġi li qatt dehru fil-kanal.

"Nittama li l-qaddiefa tagħna jerġgħu jingħaqdu u biex nirbħu mill-ġdid ix-Shield għal ħames darba.